MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 243/2010

**Il-Pulizija**

**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Raymond Flores**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Flores detentur tal-karta tal-identita` numru 607281(M).

Akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Nhar l-10 ta' Frar 2010 u fil-granet u x-xhur ta' qabel din id-data gewwa Dolcezza Confectionery li jinsab fi Triq in-Nadur, Marsaskala kkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuni ta' Lisa Azalea Gatt, Lia Gatt, Sylvia Zarb u xi persuni ohra;
2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuni ta' Lisa Azalea Gatt, Lia Gatt, Sylvia Zarb u xi persuni ohra u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra;
3. U wkoll talli fl-istess hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Rat l-ezami tal-imputat li fih ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax (15) ta' Marzu 2010; u

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

**XHIEDA**

Rat ir-rapport tal-**Perit Richard Aquilina** li kien gie nominat minn din il-Qorti sabiex jirredigi pjanta tal-post Dolcezza Confectionary and Stationary fi Triq in-Nadur, Marsascala u anke ritratti tal-post (fol 37 tal-process).

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Lisa Gatt** illi xehdet illi fl-ghaxra ta' Frar 2010 f'xi seba' u nofs ta' fil-ghaxija, hija waqfet tixtri xi prodotti tal-halib id-Dolcezza Confectionary ghaliex huwa l-aktar hanut vicin tal-abitazzjoni ta' ohtha. Hija tghid illi ohtha kienet qaltilha biex ma tmurx hemm ghaliex l-imputat kien messa fil-warrani xi ftit gimghat qabel. Izda ix-xhud xorta wahda ddecidiet li tmur hemm anke ghaliex xi kultant ikun hemm habib taghha jahdem hemm u hija hasbet li kien ser ikun hemm dak il-hin ukoll. Izda gara illi f'dak il-mument kien hemm biss l-imputat illi meta hi marret sabiex iggib dawn il-prodotti tal-halib, sabitu ezatt warajha. Hi tkompli tghid illi malli daret l-imputat staqsiha jekk setax jghinha u hi qaltlu le u fil-pront messilha il-parti privata taghha. Hi mill-ewwel nehhietlu idejh u harget tigri u halliet il-prodotti li kellha f'idejha fuq il-"counter" ta' barra. Minn hemm hija marret taghmel rapport lill-pulizija.

Semghet it-tieni parte civile **WPC 117 Sylvia Zarb** fejn hija xehdet illi kien f'Jannar tal-2010 fejn hija flimkien mat-tifla taghha marru ghand id-Dolcezza Confectionary sabiex jixtru xi affarijiet ghat-tifla taghha. Fil-pront gie l-imputat ezatt warajhom u beda jersaq aktar vicin taghha b'tali mod li beda' jdejjaqha. Hi bdiet tghaggel sabiex taghzel l-affarijiet sabiex tkun tista' tohrog il-barra u meta bdew hergin lejn il-"cash", gie l-imputat b'rankatura ghal fuqha u fi kliemha

> ***“bl-impatt tieghu habat mieghi man-nahha ta’ wara u kif dort jiena biex niehu sodisfazzjon dan induna li jiena kont irrabjata u skuza ruhu u qbadt hallastu u tlaqna l-barra”.***

Hi spjegat illi ma ghamlitx rapport mill-ewwel ghaliex bezghet li tinkwieta lill-familja taghha izda meta semghet li kien ghamel hekk lil hadd iehor, hija ddecidiet li tirraporta.

Semghet ukoll ix-xhieda tat-tielet parte civile fit-tlettax (13) ta’ Frar 2012 u cioe’ **Aida Leah Gatt** li tigi ukoll oht l-ewwel parte civile li xehdet illi darba wahda, xi tliet snin qabel, marret flimkien ma’ bintha ta’ sena fil-hanut tal-imputat. L-imputat kien wara l-bank tal-“cash” u hi staqsietu jekk kellux halib u xi affarijiet ohra. Hi tghid illi l-imputat hareg minn wara l-bank u gabilha l-affarijiet b’tali mod illi meta ghadda minn warajha, huwa messielha l-warrani. Hija tixhed illi f’dak il-mument keshet, fil-pront hallset l-affarijiet li kellha u telqet il-barra minnufih. Hija tispjega l-azzjoni li ghamel l-imputat u cioe’

> ***“it was a big pinch, jigifieri mhux haga li ghadda minn warajja u forsi mess xi ftit, he got hold of it and he grabbed it”.***

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Raymond Flores** illi spjega illi huwa ghandu problema li tugghu saqajh u xi kultant ma jkunx jista’ jimxi sew. Esebixxa wkoll lista ta’ persuni li ffirmaw bhala “character reference” (Dok RF1) izda li dawn in-nies ma jafhomx direttament.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat fost l-ohrajn illi huwa kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur ta' tliet tfajliet fi granet differenti u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liijiet ta' Malta.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gerald Cassar*** ***(deciza 18 ta' Lulju 1985)*** inghad is-segwenti:

> ***"L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta' "osare", "ardire", "thebb" – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi spora altra persona contra la di lei volonta (Carrara, Programma – 1542)"***
>
> ***"Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violenti al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato".***

Is-sentenza citata mill-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu u cioe' ***Pulizija v. Thomas Wiffen*** ***(deciza Q. App 8 ta' Jannar 1996)*** bl-ebda mod ma kienet tittratta fuq ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 207 izda fuq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li zgur mhux dan il-kaz.

Illi jidher ghalhekk, wara li l-Qorti semghet ix-xhieda kollha nvoluti u fejn kienu kollha konsistenti ghall-ahhar u ghalhekk m'hemm l-ebda lok li tiddubita

minnhom, li l-atti li huma rrakkontaw li ghamel l-imputat, fil-fatt jikkonsistu f'atti li jaqghu taht id-definizzjoni tal-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ma tistax tkun difiza da parti tal-imputat illi jghid illi huwa ghandu problema f'gismu li xi kultant ma jistax jikkontrollah, ghaliex fit-tliet kazijiet, kienet xelta tieghu li javvicina lill-vittmi u jersaq vicin lejhom. Li kieku ghandu din il-problema, kellu l-ghazla li jibqa' fejn kien meta rahom dehlin. Inoltre' huwa ma gab l-ebda prova dokumentarja medika li turi xi dizabilita' f'dan is-sens u ghalhekk din il-Qorti tiskarta kompletament din id-difiza bhalma tiskarta ukoll id-dokument esebit mill-imputat u mmarkat Dokument RF1 stante li m'ghandiex impatt dirett fuq l-akkuzi.

Izda ma hijiex tal-istess fehma li dawk l-atti jikkostitwixxu ir-reat ta' fastidju kontemplat taht l-Artikolu 251 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex kif diga ben risaput anke' minn diversi sentenzi tal-Qrati nostrani, biex dawn ir-reati ireggu, irid ikun hemm "a course of conduct" li f'dan il-kaz zgur m'hemmx ghaliex grat biss darba wahda ma' kull vittma.

Illi t-tielet (3) akkuza hija wahda konsegwenzjali ghall-ewwel (1) akkuza u ghalhekk hija assorbita minnha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 207, 251A u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Raymond Flores** hati biss tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tmintax (18) il-xahar, izda tilliberah mit-tieni (2) akkuza stante li ma gietx ippruvata.

Finalment, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati Raymond Flores ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (EUR 190.20) in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------